MISSION FUND

NO: 96 DIĊEMBRU 2009 - FRAR 2010 VO/0015

NEWSPAPER POST

# IL-MISSJUNARJU



## Min jistenna ma jorqodx!

Mhux faċli tistenna. Tistenna fl-istage l-karozza tal-linja u x-xita nieżla. Tistenna l-fejqan u li toħroġ mill-isptar Mater Dei. Tistenna li toħroġ mid-detenzjoni inti u tgħix taħt xi kamp f'Ħal Far jew f'xi ċentru miftuħ li hawn fil-pajjiż. Il-Malti jgħid li min jistenna jithenna jew jitherra!

## EDITORJAL

L-Avvent ifisser stennija. In-Nisrani huwa l-bniedem li jistenna lill-Mulej. Stennija ferriħija fit-tama u fil-ferħ. Irridu ngħixu l-istennija f'dinja fejn Alla mhux ikkwotat fl-i*stock-markets,* f'dinja fejn qed tipprova tgħix daqslikieku Alla ma eżistiex, fejn tippreżentalna idoli li donnok ma tistax tgħix mingħajrhom bħall-konsumeriżmu, l-individwaliżmu u l-aqwa li nieħu gost jien akkost ta' kollox, f'dinja fejn donnu qed jikber il-vojt dippressiv, fejn il-ħajja li ma għadx fadlilha aktar sens, fejn l-orizzont bilkemm jidher, fejn in-nuqqas ta' kuntentizza qed isir kroniku minkejja li l-bniedem ħoloq ħafna postijiet ta' divertiment imma mhux ta' ferħ. X'nistgħu nagħmlu?

Jeħtieġ li nqumu min-ngħas. Ngħassu u nishru. Dan hu l-programm għall-Avvent - li ngħixu kif jixraq, bħal bi nhar u mhux bl-ikel iżżejjed u bis-sokor, mhux biż-żina u t-tbaħrit, mhux bil-ġlied u l-għira, imma li jkollna r-rieda li nilbsu lil Sidna Ġesù Kristu (ara Rum 13,14).

Jeħtieġ li ntajru minn fuqna l-konformiżmu lejn id-dinja tallum - li nagħmlu dak li nagħmlu għaliex kulħadd qed jagħmel hekk. Jeħtieġ li nintebħu bis-sejħa tagħna. Il-virtù tal-fidi tixprunana biex inqumu min-ngħas. Ishru. Itolbu. Għassu. Kunu lesti... huma kelmiet li se nisimgħuhom diversi drabi matul il-mixja tal-Avvent. Jeħtieġ li ma nkunux semmiegħa torox!

L-Avvent ifisser li Alla hu preżenti fid-dinja. Alla ma nqatax minna u telaqna għal riħna. Alla jieħu gost jiltaqa' magħna b'ħafna modi. Iħallina niltaqgħu miegħu u nkellmuh u ngħidulu dak kollu li hemm f'moħħna u f'qalbna. Iħallina nħobbu 'l Dak li jħobbna.

L-Avvent! Mhux sempliċiment ripetizzjoni, imma pass ieħor 'il quddiem li jqarribna lejn is-sema pajjiżna, lejn Ġesù li għandu jerġa' jiġi.

L-Avvent huwa żmien mimli ottimiżmu. Għandna nkunu ċerti mit-tama nisranija li tferraħ 'il qalbna. Se niċċelebraw l-Inkarnazzjoni t'Alla. Misteru kbir, misteru ta' mħabba bla tarf. Alla hu mħabba, u għax iħobbna, ma qagħadx iqis, jiżen u jkejjel: ħabbna kif jaf Hu, u l-prova nsibuha fil-misteru tal-Milied: "L-Iben t'Alla sar bniedem u għammar fostna" (ara Ġw 1,14). Aħna lkoll qed niġu mistiedna mmorru Betlehem u nisimgħu mill-ġdid din l-Aħbar it-Tajba.

Alla sar bniedem għalina. U biex ngħixu din l-esperjenza tal-Avvent, hemm bżonn nisimgħu dak li qalulna missirijietna: min jistenna ma jorqodx.

Fr Marcellino Micallef, OFM – *Direttur Spiritwali*

Address: Eureka Court, Block A Flat 6, Main Street, Mosta MST 1018
Opening Hours: Mon-Fri: 9am - 1pm
Tel/Fax: (+356) 2141 3664 - 24-hr Answering Machine Service
Website: www.missionfund.org.mt
E-mail: missionfund@global.net.mt

| | |
|---|---|
| Ser isir: | DINNER DANCE b'risq il-Mission Fund |
| Post: | Topaz Hotel, Buġibba |
| Meta: | Is-**Sibt 12 ta' Diċembru, 2009** |
| Ħin: | Mit-20.00 'il quddiem |
| Prezz: | Kbar €18.00 - Tfal taħt it-12 'il sena €9.00 |

## HOT & COLD BUFFET MENU:

HOME MADE LASAGNA,
ASSORTMENT OF COLD CUTS & MARINATED SEA FOOD
FRESH SALADS AND SAUCES
VEGETABLE SOUP
OVEN BAKED AMBERJACK (FISH) WITH STIR-FRIED VEGETABLES & REMOULADE SAUCE
MEDALLIONS OF RIB EYE BEEF WITH PEPPERCORNS, CREAM SAUCE, MUSHROOMS & LEEKS
ROAST TURKEY WITH SAGE & ONION STUFFING
GRILLED SAUSAGES
CHEF'S SELECTION OF FRESH VEGETABLES & POTATOES
GLASS OF WINE OR SOFT DRINK
CHOICE OF DESSERTS FROM BUFFET COUNTER
COFFEE & MINCE PIES

*Ejjew u ġibu lill-ħbieb u lill-qraba tagħkom. Aħsbu kmieni għax il-postijiet huma limitati. Arranġamenti għat- transport jistgħu jsiru għal min ikollu bżonn. Ibbukkjaw l-uffiċċju fuq tel: 21413664 ( mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-09.00 sas-13.00 ) jew Charles Decelis 21575351 / 99885078 sad-9 ta' Diċembru, 2009.*

*****************************************************************************************

*Fil-Milied naħsbu ħafna biex nagħtu rigali lil maħbubin tagħna. Nafu li intom tħobbu ħafna lill-foqra fl-artijiet tal-missjoni, għalhekk inħeġġukhom biex tagħmlu rigal b'donazzjoni u b'hekk tixgħelu l-qlub ta' tant imsejknin.*

--------------------------------------------------- ***aqta` hawn*** --------------------------------------------------

*Jien* ________________________________ *li noqgħod*________________________________________

_____________________________________________________ *Post Code:*________________

*qed nibgħat €* _______ *permezz ta' cheque / money order pagabbli lill-Mission Fund.*

--------------------------------------------------- ***aqta` hawn*** --------------------------------------------------



Il-Kumitat u l-membri tal-**MISSION FUND** jawguraw lill-benefatturi,

MILIED ĦIENI U SENA MIMLIJA BARKA U PAĊI FIL-MULEJ.

GRAZZI ħafna ta' l-għajnuna li tagħjtuna matul is-sena 2009.

Il-Kumitat